# ID-DAWL

APRIL 2026 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 100

**“Jekk tkunu grati, żgur li nżidilkom il-barkiet.”**



Pass ’il Quddiem | Il-Missjoni tal-Messija | Il-Komunità Ahmadiyya | Tisħiħ tal-Fidi

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Pass 'il quddiem

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

Il-ħajja hija l-vjaġġ ta' sforz kontinwu, u min jemmen hu mistenni li kull jum tiegħu jkun aħjar minn dak ta' qablu. Is-sigriet tal-progress hu li nibqgħu dejjem mexjin 'il quddiem, ma nħallux l-għejja twaqqafna, u ma nħallux id-dispjament jersaq lejna. Fil-Koran Imqaddes, Alla li Jista' Kollox jgħid:

> **"Issirx bla tama mill-ħniena ta' Alla; għax ħadd ma jitlef tama mill-ħniena ta' Alla ħlief dak li ma jemminx."** (Il-Koran, 12:88)

Min jemmen tassew ma jitlifx it-tama u ma jaqtax qalbu. Anzi, b'fidi sħiħa u b'fiduċja f'Alla, jibqa' jirsisti biex jitjieb u jimxi 'l quddiem, pass wara l-ieħor. Dejjem jibqa' jibni, ġebla fuq ġebla.

Illum aħna kuntenti li b'umiltà qegħdin nippubblikaw il-100 ħarġa tar-rivista tagħna ta' kull xahar – **'Id-Dawl'**. Dan huwa mument importanti li juri li l-ħajja tal-bniedem għandha dejjem timxi lejn progress u titjib.

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, qal dan l-istess messaġġ b'vers poetiku: **"Aħna dejjem nitilgħu lejn għoli ikbar."** Jiġifieri, il-ħidma qatt ma tieqaf, u wara telgħa nibdew nimxu lejn telgħa oħra.

**ID-DAWL**

APRIL 2026 – Numru 100 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

INDEX

| | |
|---|---|
| A step forward | 02 |
| The mission of the Messiah[as] | 04 |
| The Ahmadiyya Community | 04 |
| Community events | 06 |
| Strengthening faith | 08 |

www.ahmadiyya.mt/id-dawl Qoxra: Haitham Basiouny/Shutterstock.com

Wieħed mill-aktar sigrieti importanti tal-progress hu l-gratitudni lejn Alla. Iktar ma persuna tkun grata lejn Alla, iktar tirċievi barkiet u avvanz. Bla dubju ta' xejn, il-gratitudni hija għajn ta' tkabbir u barka.

Fil-qosor, nemmen li l-iżviluppi kollha huma marbuta mal-grazzja ta' Alla, u meta nara l-vjaġġ ta' din ir-rivista ngħid li dan ma kienx ikun possibbli mingħajr il-grazzja ta' Alla, il-Ħanin. Jekk nagħti ħarsa lura lejn dan il-vjaġġ nista' ngħid b'ċertezza kollha li sibna l-għajnuna tal-Mulej f'kull pass li ħadna u f'kull ħarġa li ħriġna.

Il-Koran Imqaddes jgħallimna li l-progress veru ma jiġix biss mill-ħila tal-bniedem, iżda mill-grazzja ta' Alla u mill-gratitudni lejh. Alla jgħid:

> **"Jekk tkunu grati, jekk tiżżu ħajr (ta' kulma għamilt magħkom, u tajtkom), tabilħaqq inżidkom fil-barkiet, u żgur li nagħtikom aktar favuri."** (Il-Koran, 14:8)

It-Tieni Kalif tal-Komunità Ahmadiyya jgħid fl-interpretazzjoni tiegħu ta' dan il-vers: **"F'dan il-vers, ġiet iddikjarata liġi kbira. Li l-iżviluppi kollha huma assoċjati u marbuta ma' grazzji u gratitudni."**

Bil-grazzja ta' Alla, din ir-rivista kompliet tikber u tavvanza. Hija tat lill-qarrejja tagħha artikli fuq suġġetti intellettwali, spiritwali, morali, soċjali u reliġjużi. Dan kollu hu biss bil-ħniena u l-grazzja ta' Alla.

Fl-okkażjoni tal-100 ħarġa, aħna nirringrazzjaw mill-qalb lill-qarrejja tagħna. L-imħabba u l-appoġġ tagħkom huma l-bażi tas-suċċess tagħna. Nitolbukom tkomplu tagħtuna l-opinjonijiet u s-suġġerimenti tagħkom sabiex inkomplu ntejbu.

Alla żgur jippremjakom bl-aħjar premju. Ammen.

# Il-missjoni tal-Messija Mwiegħed[as]

Mill-bidu tal-ħolqien, u sa mill-bidu tad-dinja, hija s-*Sunnah* (id-drawwa kostanti) ta' Alla li Hu dejjem jibgħat il-profeti u l-messaġġiera Tiegħu sabiex jiggwidaw u jmexxu lill-ħolqien Tiegħu fit-triq it-tajba. Hu qatt ma ħalla lill-qaddejja Tiegħu bla għajnuna, iżda dejjem niżżel mill-għoli **"mejda spiritwali"** biex jissodisfa l-bżonnijiet tagħhom spiritwali, morali, soċjali, intellettwali u reliġjużi.

F'din l-aħħar era, meta l-materjaliżmu nfirex kullimkien, u l-umanità kienet fil-bżonn ta' tisħiħ spiritwali, Alla bagħat lill-Messija Mwiegħed[as], Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad. Hu ġie u spjega l-Iżlam b'mod ċar u faċli ħafna, u wera kif nistgħu nsaħħu r-relazzjoni tagħna ma' Alla u mal-bniedem. Hu jispjega l-għan tal-missjoni tiegħu:

"Il-missjoni, li għaliha nħtart, tobbligani biex nelimina dik id-distanza dejjem tikber fir-relazzjoni ta' bejn Alla u l-ħolqien Tiegħu u nibdilha għal darba oħra f'relazzjoni ta' mħabba u sinċerità; u billi nħalli l-verità toħroġ fid-dieher, inġiegħel lill-gwerer reliġjużi u n-nuqqas ta' qbil biex jintemmu u b'hekk inkun qed nibni s-sisien tal-paċi; u nikxef veritajiet reliġjużi li nħbew minn għajnejn id-dinja; u nkun xempju ta' dik l-ispiritwalità li ndifnet taħt id-dlamijiet tal-pjaċiri tal-bniedem; u bil-kundizzjoni tiegħi aktar milli bil-kelma ħierġa mill-fomm, se ngħid u se nfisser is-setgħat ta' Alla li jidħlu fil-bniedem u jerġgħu joħorġu bis-saħħa tal-meditazzjoni u t-talb." (*Ruhani Khazain*, v.20, p.180)

# Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana

Huwa beda l-Komunità tiegħu 'Ahmadiyya Muslim Jamaat.' Il-Komunità Ahmadiyya fl-Iżlam hi organizzazzjoni reliġjuża, b'fergħat f'aktar minn 210 pajjiżi. Hi l-aktar denominazzjoni dinamika fl-Iżlam fl-istorja moderna. Ġiet imwaqqfa minn Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad (1835-1908) fl-1889 ġewwa raħal żgħir remot jismu Qadian fil-Punġab, l-Indja. Hu afferma li hu r-riformatur mistenni tal-aħħar żminijiet u dak li hu mistenni li jiġi mill-komunità dinjija tar-reliġjonijiet (il-*Maħdi* u l-Messija tal-aħħar ġranet).

Hu ma ġabx leġiżlazzjoni ġdida, imma ppreżenta l-Iżlam skont il-Koran Imqaddes u kif il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, ipprattikah mingħajr l-alterazzjonijiet li kienu saru matul iż-żminijiet. Spjega li l-Iżlam huwa r-reliġjon tal-paċi u l-imħabba.

Il-Messija Mwiegħed kiteb aktar minn 84 ktieb, li huma mimlija b'għerf divin, spiritwali u t-tagħlim morali. Hu wkoll għamel ħafna taħditiet fuq aspetti differenti. Il-Messija Mwiegħed, il-paċi tkun miegħu, miet fis-26 ta' Mejju tal-1908. Wara li ħalla din id-dinja fl-1908, l-istituzzjoni ta' Kalifat reġgħet ġiet stabbilita taħt gwida Divina.

Il-Kalifat hija sistema ta' tmexxija spiritwali fl-Iżlam hekk kif inhi mfissra fil-Koran Imqaddes. Hija mezz kif tgħaqqad lill-Musulmani fi grupp wieħed b'saħħtu taħt mexxej spiritwali wieħed.

Il-Kalif huwa maħtur għal għomru u llum il-Komunità Ahmadiyya Musulmana titmexxa mill-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, li ġie elett f'din il-kariga rispettabbli f'April tal-2003. It-titlu uffiċjali tiegħu huwa Khalifatul-Masih V (Il-Ħames Kalif tal-Messija Mwiegħed[as]).

Il-Kalifat huwa sistema ta' tmexxija spiritwali fl-Iżlam. Ħażrat Mirza Masroor Aħmad[aba] jagħmilha ċara li l-Kalifat dejjem se jkun bażi tal-imħabba u l-armonija fid-dinja u jgħid: **"B'riferenza għall-Kalifat, intom tistgħu tibżgħu li jista' jiġi żmien meta l-istorja tirrepeti ruħha u li jistgħu jinqalgħu gwerer b'riżultat ta' din il-forma ta' tmexxija**. Ħalluni, madankollu, nassigurakom li jekk Alla jrid, l-istituzzjoni tal-Kalifat tal-Ahmadiyya dejjem tkun magħrufa bħala dik li tkun fuq quddiem nett biex tmexxi l-kawża għall-paċi u għall-armonija fid-dinja.

Il-Kalifat tal-Ahmadiyya qiegħed ukoll hawn biex jipperpetwa u jkompli l-missjoni tal-Messija u l-Maħdi[as], għalhekk assolutament m'hemm l-ebda raġuni ta' biża' mill-Kalifat. Dan il-Kalifat jiġbed l-attenzjoni tal-membri tal-komunità lejn it-twettiq ta' dawn iż-żewġ obbligazzjonijiet – id-drittijiet ta' Alla u d-drittijiet tal-umanità – li għalihom il-Messija Mwiegħed ġie u bħala riżultat jipprova joħloq paċi u armonija fid-dinja."

# Is-sawm fir-reliġjonijiet



Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta flimkien mal-Knisja ta' Santa Marija tal-Anġli, Baħar iċ-Ċagħaq, organizzat avveniment ta' sawm bejn reliġjonijiet fis-27 ta' Frar 2026. L-għan kien li jissaħħu l-ħbiberija, il-fehim u l-għaqda bejn in-nies.

# Kontra r-razziżmu u favur id-diversità



Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ngħaqdet mad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem Malta u ma' komunitajiet oħra għal ġurnata ta' diskussjoni u attivitajiet favur l-għaqda u d-diversità fil-21 ta' Marzu 2026.

# Il-librerija umana




Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana Malta ħadet sehem fl-attività tal-librerija umana interreliġjuża tal-MCAST fis-17 ta' April 2026. L-attività kellha l-għan li tħeġġeġ id-djalogu, il-fehim u r-rispett reċiproku.

# Il-valuri ewlenin ta' Musulman devot

"Skont ma nemmen jien, mhuwiex possibbli li nissodisfaw id-drittijiet ta' Alla Omnipotenti jew niksbu l-qrubija Tiegħu mingħajr ma nieħdu ħsieb id-drittijiet tal-proxxmu kollu tagħna u tal-ħolqien kollu ta' Alla. Il-Musulmani devoti, għaldaqstant, jgħixu ħajjithom fil-paċi u jfittxu li jxerrdu s-sliem, it-tolleranza u l-fehim reċiproku fis-soċjetà. Tabilħaqq, il-Musulmani Aħmadin jemmnu li l-fundatur tal-komunità tagħna ntbagħat minn Alla Omnipotenti biex jiġbed l-attenzjoni tal-umanità lejn dawn il-prinċipji bażiċi fundamentali tal-Iżlam li huma l-għoti tad-drittijiet tal-qima ta' Alla Omnipotenti, l-għoti tad-drittijiet tal-bnedmin u l-ħidma tat-tixrid tal-paċi u l-armonija fid-dinja kollha. Huwa ħallielna legat ta' paċi billi għamilha ċara li hemm korrelazzjoni diretta bejn il-qima ta' Alla Omnipotenti u l-għoti tad-drittijiet tal-bniedem.

Din hija xi ħaġa li rridu nżommu f'moħħna... u huwa dikjarat fil-Koran imqaddes li jekk persuna ma taqdix id-drittijiet tal-ħolqien ta' Alla, it-talb u l-qima tagħha ma jiġux aċċettati. Tabilħaqq, il-Koran jafferma li l-qima ta' dawk li jonqsu li jagħtu kas tad-drittijiet ta' ħaddieħor tkun il-mezz tal-waqgħa u l-umiljazzjoni tagħhom aktarx milli l-mezz tas-salvazzjoni tagħhom."

(Ħażrat Mirza Masroor Aħmad[aba], *Ir-rikonoxximent ta' Alla – iċ-ċavetta għall-paċi*, p. 3-4)

# Tisħiħ tal-fidi

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Messija Mwiegħed[as], jgħid:

"Tgħidx kliem li jqanqal il-ħsara, ixxerridx il-ħażen, ġorr ir-rimproveri bil-paċenzja, tidħolx f'konfront, ma' ħadd, anke jekk xi ħadd jikkonfrontak hu stess, ittrattah bi tjubija u qalb tajba. Uri eżempju tajjeb ta' ħlewwa fil-kliem u fil-komunikazzjoni. Obdi l-kmandamenti kollha b'qalb sinċiera sabiex Alla jkun kuntent bik, u anke l-għadu jkun jista' jinduna bil-bidla fik wara l-inizjazzjoni (*Bai'at*). Agħti xhieda vera fil-każijiet tal-qorti. Dawk kollha li jingħaqdu ma' dan il-Moviment għandhom jistabbilixxu ruħhom fuq il-verità b'qalb sħiħa, bi sforz sħiħ, u f'kull aspett tal-ħajja tagħhom." (*Dhikr-e-Habib*, p. 436-438; *Conditions*, p. 13)

# Ħniena għall-umanità

"Il-prinċipju li aħna nżommu hu li aħna jkollna ħniena f'qalbna għall-umanità kollha. Jekk xi ħadd jara d-dar tal-ġar tiegħu Ħindu taqbad u ma jersaqx biex jgħin jintefa n-nar, jien bis-sewwa kollha niddikjara li hu mhux tiegħi. Jekk xi ħadd mis-segwaċi tiegħi, li jara lil xi ħadd jipprova joqtol xi Nisrani u ma jagħmilx sforz biex isalvah, jien niddikjara bil-verità kollha li mhux magħna." (*Ruhani Khazain*, v.12, p.28)

"Jien nipproklama lill-Musulmani, u l-Insara, u l-Ħindu, u l-Arjani kollha, li jien m'għandi l-ebda għadu fid-dinja. Jien inħobb l-umanità bl-imħabba ta' omm ħanina li għandha għal uliedha; anzi, aktar minn hekk. Jien biss l-għadu ta' duttrini foloz li joqtlu l-verità. Is-sentiment ta' mogħdrija hu d-dmir tiegħi. Il-prinċipju tiegħi hu li nwarrab il-qerq. Jien nirriġetta l-paganiżmu, il-ħażen, l-imġiba ħażina, l-inġustizzja u l-immoralità." (*Ruhani Khazain*, v.17, p.344)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**